# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 28 ta' Settembru, 2023**

**Numru 9**

**Rikors Numru 553/22TA**

**Anthony *sive* Twanny Cascun u martu Mary Cascun (K.I. Nru. 328557M u K.I. Nru. 192462M rispettivament)**

**vs**

**Stefan Farrugia K.I. Nru. 141570 (M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Anthony u martu Mary Cascun (l-Atturi) tat-23 ta' Ġunju 2022 li permezz tiegħu ippremettew u talbu s-segwenti:

> "1. Illi l-esponenti huma kredituri tal-konvenut fis-somma ta' tmienja u erbghin elf, disa' mija u sitta u hamxin Ewro u tnax-il centezmu (€48,956.12), liema somma hija certa, likwida u dovuta in kwantu tirrapprezenta l-bilanc ta' kontijiet pendenti u arretrati relatati max-xiri, akkwist u konsenja ta' haxix u frott minghand l-esponenti, u dan kif jirrizulta mill-anness ftehim privat bejn il-partijiet datata 22 ta' Frar 2022 (*vide* kopja tal-iskrittura annessa u mmarkata **Dok A**).

2. Illi sa minn mindu l-partijiet ffirmaw skrittura privata (Dok A) fejn il-konvenut irrikonoxxa l-ammont dovut ta' €48,956.12, il-konvenut naqas li jonora l-iskeda ta' pagamenti accettata minnu li tinsab annessa mal-istess skrittura privata u di fatti ma hallas l-ebda ammont mis-somma dovuta;

3. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet mill-esponenti (*vide* kopja tal-ittra legali annessa u mmarkata **Dok B1u B2**) u diversi weghdiet da parti tal-konvenut li kien ser ihallas l-istess ammont, l-ammont ta' €48,956.12 ghadu dovut mill-konvenut lill-esponenti;

4. Illi l-imsemmi dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'iggib ghat-talba ta' hlas tal-attur u ghalhekk din il-kawza ghandha tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh u skont proceduri specjali sommarji.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(i) tiddispensa bis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) Tiddikjara lill-konvenut veru, cert u likwidu debitur versu l-attur tas-somma ta' tmienja u erbghin elf, disa' mija u sitta u hamsin Ewro u tnax-il centezmu (€48,956.12) u dan skont l-iskrittura privata annessa u mmarkata bhala Dok A;

(iii) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' tmienja u erbghin elf, disa' mija u sitta u hamsin Ewro u tnax-il centezmu (€48,956.12) hekk likwidata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk extra-gudizzjarji, l-ispejjez tal-Mandati rispettivament kontra l-konvenut u bl-imghax mid-data tal-iskrittura privata ossia 22 ta' Frar 2022 meta l-konvenut irrikonoxxa d-debitu dovut lill-esponenti sal-pagament effettiv bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat li l-konvenut notifikat kif trid il-liġi baqa' ma deherx għas-seduta tal-4 ta' Lulju 2023 u lanqas għal dik tat-13 ta' Lulju 2023;

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-kawża;

Semgħet lill-Attriċi tixhed minn jhedda fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2023;

Rat li Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

## Konsiderazzjonijiet

Din il-kawża saret mill-Atturi kontra l-konvenut Stefan Farrugia bil-mezz tal-proċedura speċjali straordinarja ossia bil-giljottina ai termini tal-artikoli 167 et sequens tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2023 xehdet l-Attriċi li bil-ġurament tagħha ikkonfermat li l-ammont mitlub għadu dovut u li sal-lum minn dan l-ammont ma tħallas xejn minnu minn meta ġiet intavolata l-Kawża.

Minn eżami tal-provi dokumentarji u x-xhieda tal-Attriċi jirrisulta lil hinn minn kull ombra ta' dubbju li dan l-ammont huwa tassew dovut mill-konvenut lill-Atturi.  Il-Qorti rat ukoll l-iskrittura tat-22 ta' Frar, 2022 fejn il-konvenut irrikonoxxa l-kreditu u baqa' ma ħallas xejn minn dik is-somma.

Il-konvenut jidher li f'ebda ħin ma ħa interess u li rrenda l-posizzjoni tiegħu aktar diffiċli peress li ma jidhirx li għandu residenza fissa tant li kif xehdet l-Attrici, missier il-konvenut stess qalilha li ma kienx jaf fejn qed joqgħod.  Fl-aħħar mill-aħħar, kulħaddd hu responsabbli ta' għemilu u tal-mod xejn ordinat ta' ħajtu.

Għalhekk din il-Qorti ser tkun qed tilqa' it-talbiet Attrici.

## Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi;

**Tilqa' it-tieni talba** Attriċi u tiddikjara lill-konvenut veru, ċert u likwidu debitur versu l-Atturi fis-somma ta' tmienja u erbgħin elf, disgħa mija u sitta u ħamsin ewro u tnax-il ċenteżmu tal-ewro (€48,956.12) u dan skont l-iskrittura tat-22 ta' Frar, 2022 (a' fol 4);

**Tilqa' it-tielet talba** Attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' tmienja u erbgħin elf, disgħa mija u sitta u ħamsin ewro u tnax-il ċenteżmu tal-ewro (€48,956.12) fuq imsemmija bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-presentata tar-rikors ġuramentat sal-pagament effettiv.

Spejjes ta' din il-Kawża u tal-mandati magħmula in konnessjoni ma' din il-Kawża a' karigu tal-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**